Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 36/2013

**Valletta Gateway Terminals Limited (appellant )**
**(C – 38888)**
**vs**
**Alex Ciantar (appellat)**

28 ta' Frar, 2017

Dan hu appell tas-soċjeta' attriċi Valletta Gateway Terminals Limited (minn issa 'l quddieml "appellanta") minn sentenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar (minn issa ' quddiem "Tribunal") datata 3 ta' Diċembru, 2014.

Din id-deċiżjoni taqra hekk:

*"It-Tribunal,*

*Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-28 ta' Jannar, 2013 fejn is-soċjeta' attriċi talbet il-konvenut għandu jiġi kundannat iħallas is-somma ta' disa mitt ewro (€900) rappreżentanti danni likwidati, in linea ta' ħsara, li s-soċjeta' attriċi ġiet kostretta tħallas lis-soċjeta' Laferla Insurance Agency kif surrogata fid-dirttijiet tal-assigurat tagħha Cars International Limited, l-impurtatur ta' numru ta' vettura ġodda tal-għamla Opel, u dana b'konsegwenza ta' inċident li seħħ fid-9 ta' Awwissu 2012 fit-terminal tas-soċjeta' attriċi fil-Marsa meta, waqt li l-konvenut fil-vesti tiegħu bħala ħaddiem tax-xatt kien qed issuq truck tat-tip Ready mix 70068 baqa' dieħel ġewwa vettura ġdida tal-għamla Opel bic-chassis numru VIN 5982 li kienet, fil-ħin tal-inċident, stazzjonarja tistenna li titħol ġewwa l-compound fl-istess terminal, liema ħabta u danni konsegwenzjali ġew kaġunati unikament tort tal-konvenut u dana minħabba traskuraġni kbira da parti tiegħu fil-qadi ta' dmirijietu bħala ħaddiem tax-xatt.*

*Bl-ispejeż, inkluż dawk tal-ittra interpellatorja datata 24 ta' Settembru, 2012 u bl-interessi mill-istess data, kontra l-konvenut bl-inġunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.*

*Il-konvenut debitament notifikat ippreżenta r-risposta tiegħu fis-27 ta' Frar, 2013 fejn eċċepixxa bir-rispett:*

*1. Preliminarjament, in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar li jieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi, stante' li tali kompetenza hi vestita fiċ-Ċentru Malti ta' l-Arbitraġġ, ai termini tar-Raba' Skeda tal-Kap 387.*
*2. Subordinament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti huma legalment insostenibbli, stante li s-soċjeta' rikorrenti għandha hi stess l-obbligu impost fuqha skont il-liġi li bħala terminal operator, tipprovdi kopertura adatta ta' assigurazzjoni biex teżimi lill-ħaddiema tal-port minn kull responsabilita' għad-danni, sakemm dawn ma jkunux kaġunati bi traskuraġni kbira, u dan ai termini tar-regolament 21A (7) tal-Avviż Legali 90 tal-2003 kif sussegwentament emendat [Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port]; illi fil-każ odjern hi eskluża ttraskuraġni grossolana, indubbjament;*
*3. Illi jispetta lis-soċjeta' attriċi li tressaq provi preċiżi in sostenn ta' dak li qed tallega;*
*4. Illi subordinatament u assolutament mingħajr ebda prejudizzju għall-premess l-imgħax legali m'għandux ikun dekorribbli mid-data li fiha effettivament sar il-ħlas mis-soċjeta' rikorrenti, iżda mill-jum li fih ġie intavolat l-avviż odjern.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra.*

*Peress illi waħda mill-eċċezzjonijiet kienet dik tal-kompetenza tat-Tribunal, it-Tribunal semgħa ix-xhieda u provi dwar din l-eċċezzjoni u ddeċida li din l-eċċezzjoni tiġi miċħuda.*

*Xehdet Doreen Curmi Assistant Manager in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi. Spjegat illi s-soċjeta' attriċi hija l-operatur tal-port. Fil-port jidħlu vapuri li biex jinħattu jkollhom jinstaqu l-vetturi waħda waħda mill-ħaddiema tal-port. Il-konvenut huwa wieħed mill-ħaddiema tal-port. Skond din ix-xhud dan l-inċident seħħ meta l-konvenut kien qed iniżżel Ready Mix u waqt li kien fit-traffiku tal-compound fejn ikun persuna fil-car compound li tgħati struzzjonijiet fejn ser titpoġġa l-vettura. Il-konvenut laqat il-vettura ta' quddiemu li kienet tinsab wieqfa.*

*Dawn il-fatti ma ġewx negati mill-konvenuti, li ma hemmx qbil fuqu hija r-repsponsabilita tal-konvenut f'dan l-inċident u dan minħabba n-natura tal-vettura li kien qed isuq il-konvenut.*

*Ix-xhud Doreen Curmi spjegat illi minbarra l-insurance li jkollhom l-impurtaturi, teżisti l-insurance li tkopri l-persuni li jkunu jinsabu fuq il-moll b'assikurazzjoni, iżda mhux meta jkun hemm negligenza. Madanakollu l-istess xhud tispjega illi ma tistax tgħid jekk skond l-insurance din l-inċident kienex jiġi kopert mill-insurance minħabba negliġenza da parti tal-konvenut jew le. Dan minħabba l-fatt illi l-excess tal-insurance hija fl-ammont ta' sebat elef*

*ewro (€7,000) u d-danni inkorsi f'dan l-inċident huma ta' disa' mitt ewro (€900). Għalhekk ma kienx worth it li tiddaħħal l-insurance. Tgħid speċifikament illi "l-unika ħaġa li oħra li ma kenniex fuq l-insurance hija minħabba li l-ammont li nitolbu huwa ta' disa' mitt ewro (€900) mentri jekk nagħmlu claim l-excess ikun sebat elef ewro (€7,000)." Tgħid illi f'kull claim li saret lill-insurance ma daħlitx il-kwistjoni ta' negliġenza. Spjegat ukoll illi l-ammont ta' disa' mitt ewro (€900) mhux l-ammont mitlub mill-importatur tal-vetturi oriġinarjament peress illi qabel kien iktar iżda wara li ġie negozjat il-prezz mis-soċjeta' attriċi dan tniżżel għall-disa' mitt ewro (€900). Tispjega wkoll illi minkejja li s-soċjeta' kienet taf mill-bidu li mhux ser idaħħal l-insurance f'dan il-każ peress li l-ammont ma kienx jaqbeż is-sebat elef ewro (€7,000) xorta baqgħat tinnegozja mingħajr ma nkludiet jew għarfet lil konvenut b'dak li kienet qed tinnegozja.*

*Xehed bil-ġurament il-konvenut Alex Ciantar li spjega x-xogħol tiegħu x'jinvolvi meta jniżżel il-vetturi minn fuq il-vapur. Spjega illi din il-vettura in kwistjoni fil-kawża kienet qed iżżom milli l-vapur jinħatt u jekk jingħata ordni biex iniżżilha allura jkollu jobdi għax jista jittella bord ta' dixxiplina u jitkeċċa mix-xogħol. Spjega illi t-tip ta' vettura li kien qed iniżżel kienet vettura kbira Ready Mix, antika u bla mirja u b'tali mod li ma tħallix vista minn fejn id-driver jista' jara fejn sejjer isuq minħabba li hemm bajla fuq quddiem. Spjega ukoll illi minkejja li s-seat ta' din il-vettura suppost jdur, dan ma kienx idur. Minħabba li ma kellux viżwal tajjeb jgħid illi wara li niżel mill-vapur mingħajr inċident x'ħin ġie biex jidħol fil-compound, ma kienx hemm spazzju biżżejjed għalih. Jispjega illi biex issuq dawn il-vetturi għandu jkun hemm spazju biex timmanuvra l-vettura u mhux titħalla tinqabad fit-traffic peress illi bħala vettura diffiċli biex timmanuvraha. Il-konvenut jispjega illi l-persuna li jidher qed ikellem fir-recording prodott mis-soċjeta' attriċi bħala provi huwa persuna inkarigata mill-Valletta Gateway Terminal li tgħati struzzjonijiet.*

*Is-soċjeta' attriċi ma qablitx ma dan il-punt peress illi qalet li dan il-persuna ma kienx liebes ġakketta safra u allura ma kienx impjegat tal-Valletta Gateway Terminals. Madankollu fuq mistoqsija tat-Tribunal s-soċjeta' attriċi qalet illi hadd mill-pubbliku mhux awtorizzat jidħol fuq il-moll u kull persuna awtorizzata li tidħol fuq il-moll hija obbligata tilbes il-ġakketta safra. Għalhekk il-fatt li din il persuna ma kinitx liebsa l-ġakketta s-safra u b'adnieħx l-ordni tal-ġakketa s-safra mhix prova li dik il-persuna mhix impjegata tal-Valletta Gateway Terminals. Għaliex allura tiġi qisha la l-persuna kienet qed tikser ordni allura mhix impjegata tal-Valletta Gateway Terminal minkejja li ma nafux min hi.*

*Xehed l-inġinier Ryan Callus li fl-istess waqt huwa shop steward tal-ħaddiema tax-xatt kif ukoll President tal-Malta Dockers Union. Kien ukoll rappreżentant tal-Health and Safety fuq il-post tax-xogħol kemm fix-xatt kif ukoll fil-freeport. Spjega illi meta nħatt il-vapur fil-kwistjoni fil-kawża l-konġestjoni kienet waħda eċċessiva u li tħalli distanza qasira biex timmanuvra kif suppost. Il-vettura in kwistjoni kienet trakk antik tar-ready mix lanqas mirja ma kellu. Minħabba l-fatt illi t-trakk spjega ukoll ill l-vettura setgħet timxi bir-riverse iżda kif spjega*

*l-konvneut is-seat lanqas kien idur. Dan ix-xhud spjega wkoll illi kif il-konvenut niżel mill-vapur sab lir-rapprezentant tal-Valletta Gateway Terminal fin-nofs u staqsieh fejn ser jipparkja. Dan ix-xhud jgħid illi l-Valletta Gateway Terminal minkejja li jkollha rapprezentanti li jkunu qed jieħdu nota tal-vetturi nieżlin u kienet taf bid-diffikultajiet ta' din it-tip ta' vettura xorta ma offriet ebda assistenza għall-immanuvrar ta' dan it-trakk.*

*Dan ix-xhud spjega billi qal illi dan kien inċident u ma kienx hemm negliġenza. Spjega wkoll li iktar u iktar ma kienx hemm negliġenza grossolana peress illi l-konvenut la kien taħt effet ta' droga u lanqas ta' alcohol waqt il-qadi ta' dmirijietu fuq ix-xogħol. Li kieku kien hemm negliġenza l-ispejjeż kienu jkunu ħafna akbar minħabba li t-trakk huwa goff. Dan ix-xhud jgħid illi fuq it-terminal mhux riskju ta' perikolu għall-vetturi biss ikun hemm iżda anki għal ħaddiema.*

*It-Tribunal ikkunsidra:*

*Ir-regolament 21A (7) tal-Avviż Legali 90 tas-sena 90 tas-sena 1993 kif sussegwentament emendat, magħmul taħt il-kappa tal-Kapitolu 171 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li:*

*(7) L-operaturi ta' terminal u prinċipali oħra ta' ħaddiema tal-port għandhom jipprovdu kopertura adatta ta' assigurazzjoni biex teżimi lill-ħaddiema tal-port minn kull responsabbilita' għal danni fil-propjeta' u lil terzi sakemm dawk id-danni ma jkunux jirriżultaw minn traskuraġni kbira minn naħa tal-ħaddiema tal-port.*

*Fil-każ odjern wara li t-Tribunal semgħa x-xhieda u ra d-dokumenti ppreżentati, it-Tribunal mhux sodisfatt illi l-intimat aġixxa b'negliġenza grossolana skond kif titlob il-liġi. In-natura tal-vettura goffa u antika, bla mirja u mingħajr ma jdur is-seat ma ħallewlu l-ebda triq ħlief jew isuqha kif inhi jew jirrifjuta u jkun qed jirriskja ħobżu minn fuq il-post tax-xogħol. Meta l-intimat xehed illi ma setgħax jara minħabba li kellu l-bajla qed ittellef l-viżwali tiegħu, huwa qalli illi beda jiġġebbed u jipprova jara mil-ġenb. Fil-fatt irnexxielu jagħmel dan u l-vettura niżlet minn fuq il-vapur bl-inċidenti.*

*Il-problemi nqalgħu meta l-konvenut wasal biex jidħol fil-compound. Hawnhekk is-sitwazzjoni ta' traffiku ġiet deskritta bħala waħda normali mis-soċjeta' attriċi. Mentri mill-konvenut u mix-xhud l-Inġinier Ryan Callus ġiet deskritta bħala waħda tal-biża u ta' riskju kbir kemm għal vetturi kif ukoll għal ħaddiema nnfishom. Din il-verżjoni tikkonvinċi lit-Tribunal illi s-soċjeta' attriċi bħala operator tal-post għandha nuqqasijiet serji fl-immaniġjar tal-post jekk qed tħalli dan ir-riskju kemm għal vetturi kif ukoll għal-ħaddiema għaddej.*
*Fir-rigward tan-negliġenza da parti tal-konvenut, il-fatt illi s-soċjeta' attriċi setat x'tinneġozja allura kien hemm ment fejn ġie aċċettat li l-konvenut ma kellux responsabilita assoluta tal-inċident għaliex kieku ma kienx ikun hemm lok ta' negozjati. Kwantu oħra li tkompli ma tikkonvinċiex lit-Tribunal hija l-fatt illi s-soċjeta' attriċi daret fuq l-initmat u mhux fuq*

*l-insurance purament minħabba li ma kienx jaqblilha ddur fuq l-insurance minħabba l-excess ta' sebat elef ewro (€7,000). Ma qalitx is-soċjeta' attriċi illi daret fuqu għaliex l-insurance ma aċċettatx il-claim għax il-konvenut kien negliġent grossolan jew le.*

*L-aħħar ħaġa hija li s-soċjeta' attriċi ma rnexxilhiex minkejja kollox tipprova l-ammont li kellha tħallas u li qed titlob mingħand il-konvneut u dan peress illi ma ppreżentat ebda dokument illi jirreferiha kemm ħallset.*

*Għaldaqstant u għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta u jiddeċidi billi jiċħad it-talbiet attriċi u jillibera lill-konvenut.*

*Bl-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tas-soċjeta' attriċi.*

Rat l-appell tas-soċjeta' Valletta Gateway Terminals Limited (minn issa ' l quddiem "appellanta") ippreżentat fil-23 ta' Diċembru, 2014, li qed jappella fuq kemm l-apprezzament żbaljat ta' fatti u ta' liġi meta:

(a) it-Tribunal iddikjara mhux sodisfatt li l-intimat aġixxa b'negliġenza grossolana dwar:

i. In-natura tal-vettura misjuqa mill-intimat – l-ewwel aggravju,
ii. Ix-xhieda tal-Inġinier Callus [1] - it-tieni aggravju,
iii. Il-fatt tan-negozzjar tal-appellanta dwar danni - it-tielet aggravju u
iv. Il-fatt li l-appellanta darhet fuq l-appellat u mhux l-*insurance* tagħha – ir-raba' aggravju.

(b) it-Tribunal iddikjara li l-appellanta ma ppruvatx l-ammont mitlub b'dokumenti – il-ħames aggravju.

Rat ir-risposta tal-Appell ta' Alex Ciantar (minn issa ' l quddiem "appellat"), li ġiet ippreżentata fil-15 ta' Jannar, 2015.

Semgħet it-trattazzjoni fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2016, fejn l-appell tħalla għas-sentenza għal-lum.

---

[1] Dan hu s-*shop steward* tal-ħaddiema tax-xatt u President tal-*Malta Dockers' Union.* Xhieda tiegħu a fol.34 u 35 u in kontro-eżami a fol. 39 u 40 tal-proċess tat-Tribunal.

**Fatti fil-qosor.**

L-appellat, li hu ħaddiem tal-port, kien involut f'ħabta ma karozza Opel, meta ngħata l-ordni sabiex iniżżel trukk Ready Mix minn fuq vapur. L-appellat isostni li din il-vettura ma kinitx f'kundizzjoni tajba, kienet antika, mingħajr mirja u s-*seat* tax-xufier li suppost idur, ma kienx idur u kellu veduta mhux tajba. Konsegwenza ta' dan daħal gol-vettura minn wara, meta l-istess kienet stazzjonarja tistenna tidħol fil-*compound* tat-Terminal fejn kienu qed iniżżlu l-vetturi. L-appellanti waslet fi ftehim mal-assiguraturi tas-soċjeta' li mpurtat il-vetturi u ħallset is-somma ta' €900 bħala danni. Din is-somma ma irkuprathiex mill-*insurance* li għandha[2] peress li taħt il-polza kellu jitħallas *excess* ta' €7,000.

**Xhieda**

Quddiem it-Tribunal xehdu Doreen Curmi, l-*assistant manager* fid-dipartiment legali tal-appellanta, Alan Ciantar, l-appellat u xhud imtella' mill-appellat, Ryan Callus, *shop steward* tal-ħaddiema tal-port.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Superjuri)[3]:

*"Din il-Qorti tibda billi tosserva li hija prassi ormai stabbilita li fin-nuqqas ta' provi li juru li tezisti raġuni jew raġunijiet serji u gravi biżżejjed li jiddettaw mod ieħor, din il-Qorti tat-tieni grad kemm jista' jkun ma tiddisturbax dak l-apprezzament u evalwazzjoni tal-provi li jkunu saru mill-ewwel Qorti, u li, allura, tkun qegħda fl-aħjar qagħda li tisma', tikkontrolla u tevalwa l-istess provi u xhieda prodotta u mismugħa quddiemha".*

Hekk ukoll f'sentenza li l-appellat għamel riferenza għaliha, intqal:

---

[2] Kopja tal-polza ta' assigurazzjoni tal-appellanta eżebita (mhux innumrati) wara fol. 15 u qabel fol. 16 tal-proċess tat-Tribunal.

[3] Qorti tal-Appell (Kompetenza Superjuri) tal-27 ta' April, 2001, Cit. Nru. 304/97 GV fl-ismijiet **Laura u Francis konjuġi Seguna vs Francis u Elizabeth konjuġi Mallia.** Hekk fost oħrajn insibu: Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tas-27 ta' Ottubru, 2011 fl-ismijiet **Maria Calleja *et vs* Carmel Bonanno**; **Pierre Borg et vs Blye Engineering Co. Ltd.** (A.I.C (JF), 30 ta' Settembru 2002); **Paul Formosa vs Salvu Debono,** (A.C., 5 ta' Ottubru 2001); **Brigitte Vella *pro. et noe* vs Richard Vella** (A.C., 5 ta' Ottubru 2001) u **Laura Seguna *et* vs Francis Mallia *et*** (A.C., 27 ta' April 2001).

*"Illi t-tielet aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi fis-sens illi l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel apprezzament xieraq tal-provi mressqa. F'dan ir-rigward, ġie kostantament ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti tal-ewwel grad ma għandux normalment jiġi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u għandu jsir biss f'dawk il-każijiet fejn iċ-ċirkostanzi jkunu tali illi jikkonvinċu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant żbaljat illi altrimenti tkun ser tiġi krejata nġustizzja. Dan għaliex huwa car li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u kienet f'qagħda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibbilta` o meno tagħhom. Vantaġġ li l-Qorti ta' l-Appell ġeneralment m'għandhiex. (ara* ***"Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg"*** *(A.C. – 10 ta' Frar 1961);* ***"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"*** *(A.C. - 5 ta' Ottubru 2001);* ***"Carmelo Agius vs John Agius"*** *(A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Diċembru 1994);* ***"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"*** *(A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003) u reċentement* ***"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited"*** *(A.C. – 4 ta' Lulju, 2008)).[4]"*

Il-każ jitratta dwar pretensjoni ta' €900.

L-aggravji tal-appellanti huma kollha bażati fuq l-apprezzament tal-provi. Pero' minħabba l-ammont tat-talba, m'hemmx appell minn ilment simili (ara artikolu 8(2) u (3)[5] tal-Att dwar it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, Kap. 380).

**L-ewwel aggravju**.

L-appellanti tgħid li minn każistika oħra jirriżulta li t-Tribunal ma kellux jikkunsidra l-fatt li l-intimat saq vettura li jidher li kien jaf li kellha ħsarat li jostakolaw il-vista, għax din kienet turi negliġenza kbira u grossolana. L-appellanti għamlet riferenza ghas-sentenza **Valletta Gateway Terminals Limited vs Victor Catania[6]**. Il-Qorti ma taqbilx li dak il-każ hu rilevanti għall-każ in eżami. Dak il-każ kien jitratta dwar sewqan tal-istess ħaddiem f'area li kienet tindika, minħabba l-għoli, li jistgħu jidħlu biss vetturi normali u mhux ta' ċertu għoli:

*"Ix-xhud qal li l-incident seħħ meta l-intimat, li kien qiegħed isuq vettura tat-tip pickup truck, għadda minn dik il-parti li kienet intiża għall-karozzi. L-intimat, jisħaqq dan ix-xhud, ma messu qatt għadda minn hemm. Ic-chief officer tal-vapur, qal lix-xhud li kien hemm baħri li kien qiegħed jagħmel sinjal lill-intimat sabiex jiġbidlu l-attenzjoni li huwa kien daħal fiż-żona li kienet intiża għal karozzi biss".*

u f'dik il-kawza l-konvenut kien xehed:

---

[4] Referenza: **SMS Insurance Agency Limited nomine vs Air Malta Co. Ltd.** ***et*** (A.I.C. (RCP) iżda datata mhux bħal dik tal-appellat 28/5/2009 iżda 1/6/2009.

[5] Kif kien qabel l-emenda li saret bl-Att IV tas-sena 2016.

[6] Tat-8 ta' Jannar 2004.

*"... dak is-sinjal aħmar kont rajtu hemmhekk qabel ma għaddejt bil-vettura l-għaliex kont diġa għaddejt minn hemm" (fol. 48). Żied igħid li "dak is-sinjal aħmar naqbel illi qiegħed hemmhekk biex jiġbidlek l-attenzjoni u li jistgħu jgħaddu biss minn dik il-parti karozzi biss"*.

Altru' li kien hemm traskuraġni grossolana f'dak il-każ. Pero' dan ma jirriżultax fil-provi ta' dan il-każ u din il-Qorti taqbel mal-apprezzament tat-Tribunal.

Skont regolament 21A(7) tal-Avviz Legali 90 tal-1993:

*"(7) L-operaturi ta' terminal u prinċipali oħra ta' ħaddiema tal-port għandhom jipprovdu kopertura adatta ta' assigurazzjoni biex teżimi lill-ħaddiema tal-port minn kull responsabbilta' għal danni fil-proprjeta' u lil terzi* ***sakemm dawk id-danni ma jkunux jirriżultaw minn traskuraġni kbira*** *min-naħa tal-ħaddiem tal-port"*.

Disposizzjoni li tagħti lill-qorti x'tifhem li fir-rigward ta' inċidenti li jseħħu fil-post tax-xogħol, l-attriċi m'għandhiex iżżomm lill-ħaddiem tal-port personalment responsabbli għall-ħsara li jikkaġunaw f'proprjeta jew lil terzi, għaliex suppost tieħu ħsieb li jkunu koperti minn polza ta' assikurazzjoni. Dan diment li d-danni ma jkunux jirriżultaw minn ***"traskuraġni kbira"***.

Traskuraġni kbira hi iktar minn dik it-traskuraġni li tirriżulta meta konvenut ikun naqas milli jaġixxi bħala *bonus paterfamilias*. Il-qorti rat il-filmat li hemm a fol. 22 u ma tistax tasal biex tghid li l-inċident seħħ minħabba traskuraġni kbira tal-appellat. Mill-istess filmat hi evidenti wkoll il-konfużjoni ta' traffiku li kien hemm fil-ħin tal-inċident. Il-fatt li l-konvenut xehed li minn fuq l-inġenju li kien qiegħed isuq ma kellux l-aħjar viżwali possibbli, ma jfissirx li l-ħabta ġrat minħabba negliġenza kbira tal-konvenut. Meta seħħ l-inċident, il-konvenut kien sempliċiment qiegħed iwettaq l-ordni tas-superjuri tiegħu. Kien fid-dmir tal-appellanti li tiżgura li meta l-konvenut ingħata l-ordni li jsuq dik il-vettura u meqjus il-konġestjoni ta' traffiku li jkun hemm, jingħata wkoll l-assistenza meħtieġa biex ikun jista' jimmanuvra f'dik il-konġestjoni ta' traffiku. Konġestjoni li l-qorti fehmet li kienet xi ħaġa regolari. Dan apparti li l-konvenut ma kellux bżonn li jitlob għal dik l-għajnuna, imma kellha tingħata lilu mill-bidunett mingħajr il-ħtieġa li jitlob.

Ladarba dan ma kienx każ ta' negliġenza kbira, l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-tieni aggravju.**

L-aggravju hu li t-Tribunal għażel li jistrieħ fuq id-deposizzjoni tal-inġinier Ryan Callus sabiex ikkonkluda li l-appellanti bħala operator tal-port għandha nuqqasijiet serji fl-immaniġġar tal-post. L-appellanti qalet li l-filmat Dok. CD2 juri ċirkostanzi kompletament differenti minn dawk deskritti mill-inġinier Ryan Callus. Il-qorti ma taqbel xejn. Il-filmat pjuttost juri konġestjoni qawwija ta' traffiku u jikkorabora l-verżjoni li ta x-xhud fir-rigward taż-żona fejn seħħ l-inċident.

**It-tielet aggravju.**

F'dan l-aggravju, l-appellanti qalet li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat meta, *"(....) abbraċċja illi n-negozjar sar mis-soċjeta esponenti man-nuqqas ta' responsabbilta assoluta tal-inċident fil-konfront tal-konvenut"*.

Il-qorti taqbel li l-fatt li l-esponenti daħlet f'negozjati mal-assikurazzjoni ta' sid il-vettura li ġarrbet il-ħsara, ma jfissirx li l-appellanti aċċettat li l-konvenut ma kienx responsabbli għall-inċident. Sid il-vettura għamel claim u l-appellanti kellha tiffaċċaha. Wara kollox l-appellant kien impjegat tal-appellanti. Madankollu ġialadarba l-ewwel aggravju ġie miċħud, dan l-aggravju mhu ser ibiddel xejn.

**Ir-raba' aggravju.**

Dan l-aggravju jitratta dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal qal li ma tikkonvinċiħx li l-appellanti talbet il-ħlas mingħand il-konvenut u mhux mingħand l-assikurazzjoni, minħabba li, *"(....) ma kien jaqblilha ddur fuq l-insurance minħabba l-excess ta' sebat elef ewro (7,000)"*. Pero' din hi biss il-fehma tat-Tribunal li ma kinitx detrminanti għall-eżitu tal-kawża. Ladarba t-Tribunal ikkonkluda li l-inċident ma seħħx minħabba negliġenza kbira tal-konvenuta, seta' jieqaf hemm.

**Il-ħames aggravju.**

Dan l-aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi. L-appellanti ssostni li ġabet provi suffiċjenti li d-danni li sofriet kienet fis-somma ta' disa' mitt ewro (€900). Aggravju li hu wkoll eżawrit ġialadarba l-konvenut m'huwiex reponsabbli għad-danni.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra s-soċjeta appellanti.**

Imħallef Anthony Ellul